**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Salah Sharif**

**Kumpilazzjoni Numru: 453/19**

**Illum, 2 ta' Mejju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Salah Sharif detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 27199A u passaport Libyan nru 987657 akkuzat talli:

1. Nhar it-22 ta' Lulju 2019, ghal habta tas-7:00 ta' filghaxija min gewwa residenza nru 55 'Campanella' sitwata fi Triq is-

Sajf f'San Pawl il-Bahar, flimkien ma' persuni ohra, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alan Grech f'periklu car, ikkagunalhu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa bl-uzu ta' arma rregulari, bi ksur tal-*Artikolu 221(2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi imsemmija qabel flimkien ma persuni ohra, bil-hsieb li jikkometti d-delitt ta' serq ta' flus kontanti aggravat bil-vjolenza, mezz u lok, wera dan bi hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt u li tali delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' tieghu bi ksur tal-*Artikoli 41(1)(a), 42, 262, 263 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi imsemmija qabel flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' apparat elettroniku, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, u lok, bi ksur tal-*Artikoli 42, 262, 263, 267, u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi zamm fil-pusses tieghu, garr il-barra min xi fond jew d'intorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta hija minghajr il-licensja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, ***bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta***;

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data lok u hin imsemmija qabel, flimkien ma' persuni ohra ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cio diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma' tiskorrix l-valur ta' 2500 ewro izda teccedi l-250 ewro ghad-dannu ta' terzi, bi ksur tal-***Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkustanzi imsemmija qabel flimkien ma persuni ohra, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta zamm jew issekwestra lil Alan Grech u Kyle Grech kontra l-volonta taghha u dan bi ksur tal-***Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi injurja u/jew hedded lil-Alan Grech u Kyle Grech, b'injurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, anke jekk kienet ipprovokata, injurjajtu b'mod li harget il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ***tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

8. Akkuzat ukoll talli fid-data, lok, hin u cirkustanzi imsemmi qabel, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor, ***bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Alan Grech u Kyle Grech u min issa tapplika l-provvedimenti ***tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali*** u tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija, tordna lill-akkuzat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, ai termini tal-***Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 221(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 41(1)(a), 42, 261(a)(b)(e), 262, 263, 269, 275, 277(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262, 263, 267, 269, 275, 280(2), u 42 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

g. Fl-artikolu 339(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

h. Fl-Artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j. Fl-Artikoli 383, 384, 385, 386, 387, u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza, hekk kif xehdet WPS 224 Suzanne Mifsud, titratta fuq allegat argument li nqala' fi Triq is-Sajf, San Pawl il-Bahar minn telefonata anonima ta' mara. Mal-wasla tal-pulizija fuq il-post tal-allegat argument instab tifel go gallarija jitrieghed u jibki li kien

qed jigi mizmum minn mara. Tghid illi fir-residenza bin-numru 55 bl-isem Kampanella kien hemm il-bieb miftuh u n-nies li kienu barra bdew jghidu li kien hemm ragel gewwa armat. Qalulhom ukoll illi tnejn minnhom kienu diga' harbu. Meta dahlu fir-residenza, il-pulizija sabu herba, hgieg mal-art u kien hemm kamra maghluqa bil-bieb imsakkar u bil-hgieg imkisser u gewwa din il-kamra kien hemm zewgt irgiel li wiehed minnhom kien l-imputat u l-iehor kien il-vittma. Meta ghajtulhom, hija tghid illi l-imputat kien ta c-cavetta u meta fethu raw lill-akkuzat ihebb ghal din il-persuna li rrizulta li kien Alan Grech li kien jirrisjedi f'din ir-residenza. Tghid illi Alan Grech kellu f'idejh imqass li wara waddbu fuq bicca ghamara. Hija tghid ukoll illi fil-kamra kien hemm hafna taqlib.

Meta hi kellmet lil Alan Grech dan kien qallha li kien jaf lill-allegat vittma Alan Grech peress illi missieru kien qabbdu sabiex jaghmel xi kostruzzjoni fit-tarag ta' din id-dar u mbaghad kien gie l-imputat ma' zewg persuni ohra li bdew jitolbuh xi flus. Jghid illi wiehed minnhom kellu sikkina li pprova jniggsu biha u qal li bdew jaghtuh u meta telqu t-tnejn l-ohra dawn kissru l-hgiega. Qalilha li z-zewg persuni l-ohra hadulu l-*mobile phone* tieghu li kien Iphone 6S li kien jiswa' madwar sitt mitt ewro (€600).

Hija tghid illi kellmet ukoll lit-tifel ta' tlettax-il sena Kyle Grech fejn dan stqarr illi meta missieru Alan kien ghadu kif dahal id-dar sema' l-qanpiena ddoqq u dahlu fuqhom tliet persuni. Wiehed kellu sikkina fuqu u dawn sakkruhom gol-kamra u jghid illi missieru fetahlu l-gallarija u dan beza' u qabez minn gol-gallarija ghall-ohra sakemm mar ghand il-gar. Tghid illi meta regghet accediet fuq il-post din is-sikkina ma nstabitx fil-post. Tghid ukoll illi meta l-pulizija dahlu fil-kamra raw lil Salah jinbotta lill-parte civile u jheddu li kien ser joqtlu u jpattihielu.

Illi l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda tal-<u>**Ispettur Godwin Scerri**</u> li xehed li dakinhar tal-incident kien ghassa u meta mar fuq il-post xi siegha wara ra li l-bieb ta' barra kellu xi sgass fuqu, l-indana ta' fuq kienet mimlija hgieg, fil-kamra tas-sodda kien hemm hafna taqlib kif ukoll demm mal-art. Meta huwa kellem lil Alan Grech qallu li kienu dahlulu tliet (3) persuni li wiehed minnhom kellu sikkina bil-manku orangjo li ma kienx l-imputat. Jghid li dawn baqghu telghin ghal gor-residenza tieghu u dahhlu bil-forza lil Alan u lil ibnu Kyle u sakkru l-bieb tal-kamra. Hemmhekk qalulu sabiex itihom il-flus. Jghid illi f'dan l-istadju l-imputat beda jzommu u l-iehor li beda jxejjer is-sikkina laqtu f'idejh u beda

jaqla' bil-ponn mill-imputat ukoll u nel frattemp ibnu Kylie lahaq harab mill-gallarija. Jghid ukoll illi Grech qallu li peress li kienu sakkru l-kamra bic-cavetta, tnejn minnhom riedu jaharbu izda meta ma sabux din ic-cavetta, dawn kissru l-hgiega tal-bieb tal-kamra u harbu mill-bokka. Jghid ukoll illi Salah Sharif instab fuq il-post fil-kamra jaggredixxi lill-vittma.

L-Ispettur jghid ukoll illi mill-filmati li kien gabar deher illi t-tliet persuni resqin lejn ir-residenza, bl-ewwel l-imputat ihabbat il-bieb biex imbaghad ftit wara jidher jaghmel tliet passi lura u jixxuttjah biex fethu bil-forza fejn imbaghad dahlu gewwa. Jghid illi t-tnejn malviventi l-ohra qatt ma nstabu.

Semghet l-ufficjali tal-pulizija li accedew fuq il-post flimkien ma' WPS Suzanne Mifsud li kkonfermaw it-testimonjanza taghha u ghalhekk ma humiex ser jigu riprodotti.

<u>PC 405 Jason Schembri</u> kkonferma li d-demm elevat minn fuq ix-xena tar-reat u cioe' minn gol-kamra tas-sodda u mis-salott gie mghoddi lill-espert Dr. Marisa Cassar (Dok JS1).

PC1285 Graham Cassar Bonaci halef ir-rapport tieghu bhala Dok. GB1 fejn huwa kien inkarigat sabiex jiffotografa x-xena tar-reat.

Xehed ukoll Noel Cassar mill-Agenzija Caritas li kkonferma li l-imputat kien gie accettat biex jaghmel programm kontra d-dipendenza fuq id-droga.

Dr Marisa Cassar esebiet ir-rapport taghha bhala espert li gie mmarkat bhala Dok MC1 u fejn kienet giet inkarigata sabiex tanalizza likwidu ta' lewn ahmar u kkonkludiet li kien demm li kellu profil genetiku ta' ragel.

Dr. Justine Scerri Herrera ukoll halfet ir-rapport taghha bhala espert nominata fl-atti tal-inkjesta fejn din kienet inkarigata sabiex tisma' x-xhieda kollha involuti fil-kaz (Dok JSC).

Finalment xehed ukoll Dr. Mario Scerri li kien inkarigat sabiex jinvista lill-parte civile Alan Grech ghal xi griehi subiti fl-aggressjoni u jikkonkludi illi dan kellu daqqiet fuq ghonqu konsistenti f'girfa, xi grif taht il-collar bone tax-xellug u tbengil kompatibbli ma' blunt trauma, grif fuq driegh tal-lemin u fuq l-id

il-leminija taht il-minkeb kompatibbli ma' blunt trauma ukoll kif ukoll xi abrazjonijiet zghar madwar gismu. Dawn kollha kienu kklassifikati bhala griehi ta' natura hfief.

Xehdet **Maria Caruana** mill-Agenzija Caritas u dan biex tikkonferma li l-imputat kien lesta l-programm kontra d-dipendenza fuq id-droga u kien qieghed jigi segwit minn barra u t-testijiet tal-urina kienu qeghdin jigu negattivi.

Finalment semghet lill-imputat **Salah Sharif** li spjega li hu ma kellu xejn x'jaqsam ma' dawk iz-zewgt irgiel li kienu fil-post mieghu u li kien mar ghand Alan ghaliex dan tal-ahhar kien ibiegh id-droga u dak iz-zmien kellu problema serja tad-droga. Jghid ukoll illi huwa kien jiehu d-droga mal-istess Alan Grech xi kultant fir-residenza tieghu stess. Huwa jghid illi mar ghandu ghaliex il-lejl ta' qabel kien tkessah mieghu u kellu jtih xi flus u ghalhekk mar ghandu sabiex itih dawn il-flus lura.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**:

Illi din il-Qorti tibda biex tippremetti illi meta d-difiza talbet l-isfilz tat-testimonjanza tal-parte civile Alan Grech li nghata quddiem l-espert Dr. Justine Scerri Herrera fl-atti tal-inkjesta ghaliex illum il-gurnata dan gie nieqes minhabba ragunijiet estranji ghal dawn il-proceduri, din il-Qorti cahdet din it-talba u dan ghaliex propju l-ghan li jkun hemm inkjesta hi li tippreserva l-provi kollha f'dak il-mument u mnalla gara hekk ghaliex li kieku ma nstemghux ix-xhieda fl-istadju tal-inkjesta ma kienx seta' jinstema' x-xhieda tal-parte civile.

Illi ghalkemm l-imputat ta l-verzjoni tieghu ta' kif gara l-incident fil-verita' hareg illi l-imputat dahal bil-forza mill-bieb principali tad-dar tal-parte civile kif xehed l-ufficjal prosekutur kif ukoll instab mill-pulizija jaggredixxi lill-parte civile meta dan kien sakkar il-bieb tal-kamra fejn kienu l-aggressuri, il-vittma u t-tifel tieghu. Li hareg mit-testimonjanza tal-parte civile hu li l-imputat ma seraqx il-mobile phone tal-vittma kif ukoll stima tal-hsarat allegatament subiti minnu qatt ma gewipprezentati. Illi hareg ukoll illi l-arma li ntuzat fl-incident ma kinitx qed tintuza minn Sharif izda minn persuna ohra li kienet fuq il-post. Illi a rigward il-komplicita' din il-Qorti ma thosshiex komda li din giet ippruvata

ghaliex in mankanza tal-identita' ta' dawn iz-zewg persuni li kienu prezenti fir-reat u li harbu thoss li ma giex ippruvat a common design biex it-tliet malviventi jwettqu l-istess reat.

Mix-xhieda tal-imputat hareg illi l-vittma kien persuna li jittraffika d-droga u ghalhekk jekk din il-Qorti toqghod fuq din il-verzjoni, zgur li d-dar tieghu tkun frekwentata minn hafna nies u zgur li min-natura ta' dan ix-xoghol ikun ikkreja anke xi ghedewwa.

Illi l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:-

*"Persuna titqies komplici f'delitt jekk hija -*

*(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*

*(b) tkun giegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniggi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*

*(c) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu gew uzati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jigu uzati; jew*

*(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat;* *jew*

*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

L-Artikolu 43 imbaghad jipprovdi illi:

*"Barra minn meta l-ligi tgħid xort'oħra, il-komplici f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur."*

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace Omissis** (deciza 9/01/2012):

*"Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement*

*pruvat mill- prosekuzzjoni - cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni - li din il- persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal- Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma' l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammontaghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt."*

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza ugwalment ma gietx ippruvata li l-imputat kien dahal id-dar tal-vittma sabiex jisraq xi flus tant li l-persuni l-ohra li telqu mill-post kienu serqulu l-mobile phone

hekk kif gie rilevat. Li kieku dawn kellhom xi common design mal-imputat kieku kienu jitilqu flimkien minn fuq il-post.

Illi s-sitt (6) u s-sebgha (7) akkuzi gew ippruvati anke kkonfermati mix-xhieda tal-pulizija prezenti fuq ix-xena. Illi t-tmien (8) akkuza ma gietx ippruvata ghaliex ma kienx hemm kommossjoni fit-triq izda l-unika ghajjat li kien hemm kien tat-tifel tal-vittma li beda jghajjat fit-triq u mhux mill-imputat.

Illi finalment u a rigward ta' piena hareg car illi llum il-gurnata l-imputat huwa riabilitat mill-vizzju tad-droga u gialadarba dan ir-reat kien konness ma' dan il-vizzju, din il-Qorti ser taghti piena idonea u dan sabiex jigi assigurat illi l-imputat ikompli miexi fit-triq it-tajba ghalih u ghas-socjeta' ingenerali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 86 u 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Salah Sharif** hati tal-akkuzi sitta (6) u sebgha (7) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena (1) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Dep. Reg.**